MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 84/2003

**Associated Supplies Limited**

**vs**

**Grace Delia**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta sabiex tghid ghaliex ma ghandiex tkun kkundannata li prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. tiddikjara illi l-kuntratt ta' *leasing ta' airconditioning unit* (dok A) iffirmat bejn il-kontendenti fit-23 ta' Gunju 1997, fir-rigward tal-*leasing tal-airconditioning unit* lill-konvenuta kkonsenjat, skada fit-22 ta' Gunju 2002;

2. jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270), dovuti mill-konvenuta bhala arretrati ta' *leasing charge* li l-konvenuta kienet tenut li thallas lis-socjeta' attrici skond klawsola 2 tal-kuntratt imsemmi;

*3.* tiddikjara illi s-socjeta' attrici hija intitola illi titlob lura l-*airconditioning unit* formanti l-oggett tal-kuntratt tat-23 ta' Gunju 1997; u

*4.* konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta sabiex, fiz-zmien qasir u perentorju illi joghgobha tipprefiggi dina l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, tirritorna l-imsemmija *air-conditioning unit* fil-pussess tas-socjeta' attrici;

*5.* tawtorizza lis-socjeta' attrici sabiex, f'kaz ta' inadempjenza mill-konvenuta, tiehu l-pussess tal-istess airconditioner, okkorrendo jekk ikun il-kaz taht is-sorveljanza ta' Perit nominat minn dina l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, u ghas-spejjez tal-konvenuta;

6. tiddikjara illi l-konvenuta li ostakolat l-ezercizzju tad-dritt tas-socjeta' attrici illi tnehhi l-airconditoner mill-pussess tal-konvenuta, skond klawsola 12 tal-imsemmi kuntratt u li, ghalhekk, il-konvenuta irrendiet ruhha responsabbli ghal-hlas tal-penali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10.00) kulljum, b'effett mid-data tat-22 ta' Gunju 2002 sa-data illi fiha l-istess *aircondioning unit* jitqieghed fil-pussess tas-socjeta' attrici; u

7. tikkundanna lill-konvenuta, konsegwentement, sabiex thallas lis-socjeta' attrici dik il-penali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) kuljum, b'effett mit-22 ta' Gunju 2002, jew minn dik id-data illi joghgobha tipprefiggi dina l-Onorabbli Qorti, sad-data illi fiha il-konvenuta effettivament tikkonsenja l-istess *air-conditoner* lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Settembru 2002, u bl-imghaxijiet legali b'effett mit-22 ta' Gunju 2002 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

B’riserva ghal kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lis-socjeta’ attrici kontra l-konvenuta ghall-hsarat li jistghu talvolta ikunu ezistenti fl-*airconditioning unit* meta jigi restitwit lis-socjeta’ attrici.

Wara li rat id-dokument markat Dok A, anness mal-atti a fol 3;

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess talbiet jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fis-17 ta' Marzu 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u:

1. tiddikjara li l-kuntratt ta’ “leasing” anness mal-atti bhala “Dok A” a fol 3 skada fit-22 ta’ Gunju 2002;

2. tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici is-somma ta‘ Lm270 bl-imghax legali mill-hamsa (5) ta’ Settembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv;

3. tiddikjara li s-socjeta attrici hi intitolata li titlob lura l-“air conditioning unit” imsemmi fl-istess kuntratt;

4. tikkundanna lill-istess konvenuta sabix tirritorna l-istess “air conditioning unit” lis-socjeta attrici u dan sas-26 ta‘ April 2003;

5. tawtorizza lis-socjeta’ attrici sabiex f’kaz ta’ inadempjenza da parti tal-konvenuta, tiehu lura l-pussess tal-istess “air conditioning unit” u dan taht is-sorveljanza ta’ A.I.C. Alan Saliba, a spejjes tal-istess konvenuta;

6. tiddikjara li l-istess konvenuta ostakolat l-ezecizju tad-dritt tas-socjeta' attrici li tnehhi l-istess "air conditioning unit" mill-pussess tal-konvenuta skond il-klawsola numru 12 tal-istess kuntratt u b'hekk, rrendiet ruhha responsabbli ghall-hlas tal-penali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) kulljum b'effett mit-22 ta' Gunju 2002 sad-data illi fiha l-istess "airconditioning unit" jitqieghed fil-pussess tas-socjeta attrici u;

7. tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-istess sojceta' attrici is-somma ta' Lm310, bhala penali b'effett millum stess sas-26 ta' April 2003, u dan b'riserva ghal kull penali ulterjuri li tista' tkun dovuta mill-istess konvenuta lis-socjeta attrici sad-data li fiha l-istess "airconditioning unit" jkun konsenjat lill-istess socjeta' attrici.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Settembru 2002 kontra l-istess konvenuta. B'riserva, ukoll, ghal kull azzjoni spettenati lis-socjeta' attrici in rigward danni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------